**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U GĦOXRIN**

**8 ta' JANNAR, 2014**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, il-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, Dr Claudio Zammit, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Vincent Marma, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻATI**

Il-Kunsillier is-Sur Joseph D'Amato u s-Sur Raymond Grixti infurmaw li ma setgħux jattendu. Il-Kunsill ġie nfurmat permess ta' emails li jinsabu mehmuża **Dok 1.**

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita' informa li ma setgħax jattendi.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**22.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

22.1.1 Fir-rigward ta' punt 21.1.4 il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-*instructor* taż-Zumba għad fadallha tagħti lill-Kunsill ir-rendikont ta' Diċembru, imma milli jista jara sa issa, l-Kunsill nefaq aktar milli daħħal fuq dawn il-klassijiet. Hekk kif il-Kunsill ikollu r-rendikont komplut tas-sena 2013, il-Kunsill ikun jista jiddeċiedi jekk għandux ikompli b'dawn il-klassijiet jew le.

Kien hemm qbil fuq dan.

22.1.2 Fir-rigward ta' punt 21.1.4 il-Kunsillier Pierre Farrugia, staqsa f'hiex wasal il-każ tal-letrini li jinsabu fi Triq P P Pullicino.
Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob rapport lill-KMS fuq dan il-każ.

22.1.3 Fir-rigward ta' punt 21.1.3 Il-Kunsillier David Abdilla nforma lill-Kunsill li hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom laqgħa mal-Perit Lewis, fejn ġew diskussi l-problemi ta' manutenzjoni li hemm bżonn li ssir fil-*playing fields* taż-Żurrieq. Il-Kunsillier David Abdilla ppropona li tinħareġ *tender* għall-manutenzjoni li hemm bżonn, flimkien ma' *maintanance agreement* biex tali *playing fields* jinżammu tajjeb tul is-sena kollha.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv jipproċedi fuq il-ħruġ ta' tender.

22.1.4 Fir-rigward ta' punt 21.5.6 il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fil-jiem li ġejjien ser ikollu appuntament ma' Dr Alan Deidun.

22.1.5 Fir-rigward ta' punt 21.11.1, is-Sindku qal li ftit qabel bdiet is-seduta hu flimkien ma xi kunsilliera preżenti, kellu laqgħa ma' residenti miż-żona tal-Bebbux, li kienu qed jirrappreżentaw lir-residenti l-oħra, fejn tali residenti oġġezzjonaw li l-Kunsill jimplimenta s-sistema tat-traffiku li ppropona l-Kunsillier Raymond Grixti fil-paġna tiegħu fil-Kunsill News ta' Diċembru.

Kien hemm qbil li l-Kunsill joqgħod fuq it-talba tar-residenti u tali proposta ma tkunx implimentata.

Is-Sindku qal li minħabba li l-Kunsillier Raymond Grixti nforma lill-Kunsill li rreżenja mid-dekasteru tiegħu, ta' Immaniġjar tat-traffiku, tali dekasteru ser jibda jieħu ħsiebu hu stess.

Il-Kunsillier David Abdilla ppropona li kull darba li jkun ser isir xi tibdil radikali fis-sistema tat-traffiku, l-Kunsill għandu jinforma lill-pubbliku waqt laqgħa msejħa apposta u mhux permezz ta' avviż fil-Kunsill News.

Kien hemm qbil fuq dan.

22.1.6 Fir-rigward ta' punt 21.12.4 il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li waqt il-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu mal-Ministru Joe Mizzi, il-Kunsill għandu jitkellem fuq *embellishment* ta' art li hemm bejn il-pompa tal-petrol u l-kumpanija USKIN.

Kien hemm qbil fuq dan.

22.1.7 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jixtieq juri l-apprezzament tiegħu lejn il-Kunsillier Joseph D'Amato u s-sotto kumitat għall-Kultura tal-attivita' li tellgħu fit-23 ta' Diċembru, fis-sala tal-iskola. Hu żied jgħid li tali attivita' kienet suċċess.

Is-Sindku u l-Kunsillier Claudio Zammit ukoll ferħu lill-Kunsillier Joseph D'Amato u lis-sotto kumitat Kultura u żiedu jgħidu li ftit kien hawn serati bħal din, imtella' mill-Kunsill.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

22.1.8 Il-minuti ta' seduta 21 ġew approvati.

***22.2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 44***

22.2.1 Ġew approvati l-minuti numru 44.

**22.3 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sotto Kumitati – Żgħażagħ u Edukazzjoni, u tal-Anzjani.**

22.3.1 Ġew approvati l-minuti kollha tas-Sotto Kumitat imsemmija.

**22.4 Approvazzjoni tal-Minuti Reġjun Nofsinhar**

22.4.1 Ġew approvati l-minuti numru 48 tal-laqgħa tar-Reġjun Nofisnhar.

F'dan il-punt is-Sindku qal li jixtieq jifraħ lill-Kumitat Reġjonali Nofisnhar, u juri l-apprezzament tiegħu lejn l-aħħar laqgħa li għamlu fejn kienu preżenti l-Viċi Sindku u hu. Tali laqgħa saret ix-Xara Lodge fir-Rabat. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tirringrazzja lill-kumitat f'isem il-Kunsill.

***22.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

22.5.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia nforma lill-Kunsill li llum, hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Segretarju Privat tal-President ta' Malta, fejn ġie proponut li l-President iżur lill-komunita' taż-Żurrieq fid- 19 ta' Jannar, 2014. Il-proposta li kienet saret lill-Kunsill f'Ottubru, kienet tgħid li ż-żjarat tal-President ta' Malta fil-komunita' kellhom jitqassmu fuq jumejn – fejn fl-ewwel jum il-President flimkien mas-Sindku jżuru lill-NGOs u fit-tieni żjara l-

President iżur lill-kumplament tal-komunita' u jattendi quddiesa. Imma minħabba li l-President ta' Malta wasal biex jiskadilu d-dekasteru tiegħu, ġie pproponut li ssir żjara waħda fid-19 ta' Jannar, 2014, fejn il-Kunsill jistieden lill-għaqdiet kollha tar-raħal, jipparteċipaw waqt il-quddiesa u wara ssir attivita' żgħira fil-misraħ, dejjem jekk it-temp jippermetti.

Is-Sindku qal li din il-ġimgħa ser jagħmel laqgħa mal-Arċipriet tar-raħal u joħroġ l-inviti lill-għaqdiet minħabba li kull ma fadal għall-attivita' huma biss 10 t'ijiem.

Kien hemm qbil fuq dan.

22.5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bl-għajnuna ta' ħaddiema mibgħutha mill-Ministeru tal-Infrastruttura, l-fili tal-funtana li tinsab fi Vjal il-Blue Grotto, infetħu, tneħħa l-ħama li kien fiha u fi żmien qasir ser tinżebah u tkun tista terġa tibda tiffunzjona. Il-Kunsill ser iħallas biss tal-materjal taż-żebgħa.

22.5.3 Is-Sindku qal li fl-aħħar seduta tal-Kunsill kien hemm qbil li resident fi Triq il-Mitħna, li għamel konkos kbir fit-triq biex ma jolqtulux il-faċċata jkun imwissi biex ineħħi dak li għamel u jreġġa lura l-istat tat-triq għal li kienet qabel.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jgħamel *barrier* tal-ħadid madwar parti mil-faċċata ta' dan ir-resident, biex jonqos l-inkonvenjent.

Kien hemm qbil fuq dan, diment li ma tkunx ostakolu għall-vetturi li jużaw tali triq.

22.5.4 Is-Sindku talab li :

- issir *barrier* ukoll madwar dar, viċin Ġnien il-Bennej, minħabba li vetturi qed jagħmlu ħsara lill-faċċata ta' din id-dar. Kien hemm qbil fuq dan.
- Jiġu rranġati l-*bollards* li nqalgħu fejn il-ħanut La Gatta. Kien hemm qbil li tinħareġ l-ordni għax-xogħol.
- Bdil ta' kaptelli fi Vjal il-Blue Grotto minħabba li jinsabu miksura. Kien hemm qbil li tinħareġ l-ordni għax-xogħol
- fir-rigward tal-istima ta' manutenzjoni ta' parti minn ħajt fi Triq il-Barrieri, li għamel l-Perit Lewis, kien hemm qbil li titressaq fil-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu mal-Ministru Joe Mizzi u jekk it-talba tal-Kunsill ma tintlaqax, terġa titressaq f'seduta oħra.

22.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ talbiet ta' kumpens fuq ħsarat li sewwieqa qed jallegaw li għamlu b'ħofra li kien hemm fi Vjal ix-

Xarolla. Hi nfurmat lill-Kunsill li f'każ minnhom sar rapport lill-pulizija jumejn wara l-inċident u fil-każ l-ieħor ma ġiex ppreżentat rapport tal-pulizija.

Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jagħtix kumpens tal-ħsarat li qed jiġu allegati li saru minħabba ħofor.

F'dan il-ħin il-Viċi Sindku daħlet għas-seduta ( ħin 7:15pm)

22.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:

- ilment fuq ħafna qtates fi Triq il-Kunċizzjoni. Kien hemm qbil biex il-każ jitressaq quddiem il-Pulizija.
- Talba mingħand is-Sur Jonathan Balzan, li kiteb ktieb ta' poeżiji maltin fuq l-irdieden u li jrid ibigħu għal-prezz ta' €7.50. Kien hemm qbil li jinxtara ktieb wieħed għal-librerija.

22.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva multa mingħand Arms fejn qed jiġi allegat li l-Kunsill seraq ilma minn Ġnien il-Ġibjun. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li qabel ma beda x-xogħol ta' tisbieħ fi Ġnien il-Ġibjun, il-Kunsill kien qed iħallas tal-konsum u meta inbeda x-xogħol mill-MTA, l-arloġġ tal-konsum tal-ilma milli jidher ġie maqlugħ u ma reġgħax twaħħal. Il-Kunsill ma kellux x'jaqsam max-xogħlijiet tal-ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nfurmat b'dan kollu, lill-Arms, permess ta' email.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-MTA, jinfurmha b'dan li ġara u jżomm lill-MTA responsabbli ta' din il-multa.

22.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mibgħutha lill-Kunsill mis-Sur Oliver Farrugia – MTA, fejn qed jistaqsi lill-Kunsill hux lest li jieħu ħsieb it-tisqija ta' siġar li ser jitħawlu u tindif f'Tal-Ħlantun fejn l-MTA qed tagħmel proġett.

Kien hemm qbil li ġaladarba l-akwata tagħmel parti mit-teritorju taż-Żurrieq, il-Kunsill jieħu ħsieb il-proġett imsemmi.

Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa, li jeħtieġ li kull meta jsir xi proġett fiż-Żurrieq, minn xi entita', il-Kunsill għandu jistaqsi minn qabel xi spejjeż ser jiġi nvolut fihom il-Kunsill, biex iżomm il-manutenzjoni tal-post.

22.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li din il-ġimgħa saru laqgħat bejn il-Kunsill, il-Perit Lewis u l-perit tal-kumpanja Polidano Brothers li bħalissa qed tieħu ħsieb il-patching fiż-Żurrieq. F'din il-laqgħa kien hemm qbil li parti mix-xogħol li sar kien ħażin u għalhekk il-Kumpanija ma tatx kont tax-xogħol.

Kien hemm qbil unanimu li kull meta tinħareġ ordni għal xogħol il-

Kunsill jenfasizza li x-xogħol irid jitlesta fi żmien 15 –il ġurnata mid-data tal-ordni u jekk dan ma jsirx il-Kunsill ikollu jieħu passi ulterjuri.

***22.6 Rapport Finanzjarju ta' kull kwart – Ir-raba'***

22.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2013, li ħejja l-*accountant* tal-Kunsill, filwaqt li nfurmat lill-kunsill li l-assistent tal-accountant ma setgħax jattendi għas-seduta minħabba li jinsab marid.

Ir-rapport ġie approvat.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Vincent Marmara daħal għas-seduta (ħin 7.55pm)

***22.7 Estimi Annwali 2014 u Rapport Annwali Amministrattiv 2013***

22.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti li ħejjiet, tal-estimi Annwali 2014 u r-rapport annwali Amministrattiv tas-sena 2013.

Dawn iż-żewġ rapporti ġew aprovati.

Il-Kunsill Pierre Farrugia talab lis-Segretarju Eżekuttiv tistaqsi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, għaliex il-budget għal din is-sena naqas meta l-ammont ta' residenti żdied.
Kien hemm qbil fuq dan.

Il-Kunsillier Claudio Zammit talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiżgura li l-ġonna u soft areas ġodda li qed jiżdiedu fiż-Żurrieq, fosthom din il-biċċa tal-Ħlantun titnizzel fir-reġistru tal-assi taż-Żurrieq u talabha wkoll tistaqi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq ir-reġistru tal-assi taż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan.

***22.8 Pjan ta' ħidma 2014 – 2016***

22.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport ta' Pjan ta' ħidma 2014 – 2016.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fir-rapport ta' pjan ta' ħidma hemm xi punti li għalkemm ilhom jidhru minn sena għall-oħra fl-istess rapport, xorta l-Kunsill mhux qed jagħmel biżżejjed biex jitwettqu. Fosthom hemm dawn il-punti:

- Twessiegħ ta' Vjal ix-Xarolla,
- Monti taż-Żurrieq

- Post alternattiv għall-uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali
- Proġett minflok il-Miżbla ta' Wied Fulija

Ir-rapport ġie approvat.

***22.9*** ***Appuntament għal-laqgħa annwali***

22.9.1 Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali tkun iffissata għall-Erbgħa 29 ta' Jannar, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija, fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

***22.10*** ***Konfini***

22.10.1 Kien hemm qbil li l-Kunsill jenfasizza mal-Avukat tal-Kunsill biex jipproċedi kemm jista jkun malajr fuq il-protest ġudizjarju fejn jidħlu konfini.

***22.11*** ***Website tal-Kunsill Lokali Żurrieq***

22.11.1 Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li l-web site tal-kunsill, ser tkun aċċessibbli għall-pubbliku fi żmien qasir. Din ilha lesta għal xi żmien, pero' minħabba teknika fejn il-Kunsill ma kellux il-kapaċita' teknika biex iżomm il-website ma setghetx tinbeda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ħallas għall-sistema teknika ta' down/up loading u speed aħjar, u dan għandu jagħmel tajeb għall-website u cctv ta' Triq il-Barrieri u ta' Ħal Millieri.

***22.12*** ***Increment ta' Impjegata tal-Kunsill***

22.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-iskrivana Maria Briffa Callus waslet għall-increment ieħor u qed tissuġġerixxi lill-Kunsill li jingħatalha.

Kien hemm qbil fuq dan.

***22.13*** ***Kunsiderazzjoni ta' Sejħa għall-offerti: Alleys 67/07/13 – Resurfacing of alleys with hot tarmac/concrete***

22.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li għas-sejħa ta' din l-offerta, kien hemm tliet offerenti li kienu dawn:

- Polidano Brothers Ltd - €38,404.06
- Schembri Infrastructures Ltd - €38,881.37
- Central Asphalt Ltd - €45,695.51

Il-Perit Anthony Bezzina ħareġ ir-rapport fuq it-tender u ħareġ li t-tliet offerenti kellhom id-dokumenti kollha meħtieġa.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħżel li tkun il-kumpanija Schembri Infrastructures Ltd li tieħu din it-tender minħabba l-fatt ta' dawn iż-żewġ punti:

1. Bejn l-ewwel u t-tieni offerta hemm biss €477.
2. U minħabba li l-Kunsill ħadem u kellu esperjenzi ta' xogħol kemm bil-kumpanija Polidano Brothers Ltd u kemm bi Schembri Infrastructures Ltd u għalhekk jista jara id-differenza tas-servizz li tingħatha mingħandhom. Fil-waqt li mal-kumpanija Schembri Infrastructures Ltd il-Kunsill qatt ma kellu problemi, fejn tidħol il-Kumpanija Polidano Brothers Ltd, ikollna problemi ta' dewmien biex isir ix-xogħol mitlub, kif ukoll fuq il-kwalita' tax-xogħol.
3. L-esperjenza tal-Kunsill ma' dawn iż-żewġ kuntratturi wriet li l-kumpanija Schembri Infrastructures Ltd hi aktar affidabbli mill-kumpanija l-oħra.

***22.14 Sejħa għall-ħruġ tal-offerta – Collection and separation of Household & Domestic Waste Service***

22.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-'Collection and separation of Household & Domestic Waste Service' ser jiskadi f'Marzu, 2014. Hi kienet ġiet mitluba mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li qabel tinħareġ sejħa ġdida, turi l-abbozz tat-tender lid-Dipartiment u dan japprova li toħroġ is-sejħa. Id-dokument ilu mibgħut lid-dipartiment sa mil-11 ta' Diċembru, 2013 u l-Kunsill għadu ma rċevix l-approvazzjoni tiegħu mid-Dipartiment.

Kien hemm qbil li s-servizz tal-ġbir tal-iskart jibda jsir fuq erba' t'ijiem – It-Tnejn, L-Erbgħa, l-Ħamis/il-Ġmgħa u s-Sibt. Dan biex jonqos it-tniġġis tal-arja u r-residenti jibdew jirreċiklaw aktar.

Kien hemm qbil li hekk kif id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jibgħat l-approvazzjoni tiegħu għall-ħruġ tas-sejħa, l-Kunsill jipproċedi bil-ħruġ tal-avviż fuq il-ġurnal. Għalkemm il-Kunsill ilu mill-11 ta' Diċembru, li nforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li wasal iż-żmien biex joħroġ sejħa għal dan it-tender, l-approvazzjoni sal-lum għada ma waslitx.

***22.15 Estensjoni ta' Kuntratti:***
***RR 67/10/12 : Road Works and other related works***
***RM67/01/12 : Maintenance of Traffic Signs and Road Markings***
***GS67/05/12 : Hortocultural Works at Public Gardens and Maintenance of Soft Areas***

22.15.1 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jestendi l-kuntratti ta':
RR 67/10/12 : Road Works and other related works

GS67/05/12 : Hortocultural Works at Public Gardens and Maintenance of Soft Areas

Filwaqt li fir–rigward tal-estenzjoni tal-kuntratt ' RM67/01/12 : Maintenance of Traffic Signs and Road Markings' kien hemm qbil li qabel ma jiġġedded, is-Segretarju Eżekuttiv, tiġbed l-attenzjoni tal-kumpanija Koptasin, li kien hemm qbil unanimu li kull meta tinħareġ ordni għal xogħol, il-Kunsill jenfasizza li x-xogħol irid jitlesta fi żmien 15 –il ġurnata mid-data tal-ordni u jekk dan ma jsirx il-Kunsill ikollu jieħu passi ulterjuri, u li x-xogħol li hu diġa ordnat hemm bżonn li jsir fl-immedjat.

***22.16 Performance Bonus Reports***

22.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti tal-performance bonus appraisal tal-impjagati – Francesca Camilleri, Charmaine Atanasio, Maria Briffa Callus u Mary Aquilina.

Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li l-iskrivani kollha jieħdu l-ogħla ammont ta' bonus.

Kien hemm qbil fuq dan.

22.16.2 F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv irtirat mis-seduta u ħarġet mil-kamra, sabiex is-Sindku jressaq ir-rapport tal-*performance bonus* tagħha.

Meta ġiet infurmata biex tirritorna fis-seduta, kienet infurmata li kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li hi tingħata l-ogħla ammont ta' bonus 10%.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-dawk preżenti tal-apprezzament tagħhom lejn ix-xogħol tagħha.

***22.17 Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi***

22.17.1 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tinħareġ l-ordni għal xogħol ta' bankina aktar għolja f'parti, fi Triq Wied Babu sabiex ma jidħolx ilma tax-xita fid-djar tar-residenti.

Kien hemm qbil li tinħareġ l-ordni għax-xogħol.

22.17.2 Il-Viċi Sindku Rita Grima ġibdet l-attenzjoni fuq żewġ punti:

- Saru boroż suwed ma' tabelli tat-traffiku fiż-Żona tal-Bebbux. Is-Sindku nforma li ser ikollu laqgħa ma' Transport Malta fuq dan ir-rigward.
- Pulizija ma tħallsux tas-servizz li taw waqt Jum iż-Żurrieq. Is-Sindku qal li ma kienux tħallsu għax ma tawx is-servizz

mitlub.

22.17.3 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li l-ħarġiet li għamlet għall-anzjani reġgħu kienu suċċess u l-anzjani apprezzawhom. Qalet ukoll li hi flimkien ma' membri tas-sotto kumitat, marru jżuru lill-anzjani fiċ-ċentri għall-anzjani u damet madwar erba' siegħat titkellem magħhom. Il-Kunsillier Bellizzi qalet li tat rigal żgħir li għamlu l-volontiera, lill-anzjani ta' 'l fuq minn 85 sena. Hi żiedet tgħid li qed tiprepara li torganizza ħarġa oħra kulturali u *weekend break.*

Il-Viċi Sindku Rita Grima reġgħet issuġġeriet lill-Kunsillier Rita Bellizzi biex terġa tikkunsidra li tibda tieħu anzjani oħra mir-raħal biex imorru jżuru lill-anzjani fiċ-ċentri flimkien magħha.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li tali suġġeriment kien diga sar u l-kunsill ma kienx qabel. Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li hi tmur bil-vettura tagħha personali, iżżur lill-anzjani u meta bbukjat van ma kienux attendew anzjani mir-raħal u l-van tħallas ta' xejn.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Claudio Zammit ħareġ mis-seduta (ħin 9.00pm)

22.17.4 Il-Kunsillier Vincent Marmara qal li hemm bżonn li jsiru kemm jista jkun malajr il-lights fi Triq Bronja.

22.17.5 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia qal li hemm bżonn li jsiru l-parking bays u stop markings fi Triq il-Kunċizzjoni. Kien hemm qbil li issir laqgħa bejn is-Sindku u l-koptasin fuq il-kaz u jiġi ordnat ix-xogħol.

22.17.6 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-Ministru għall-isports biex il-Kunsill jiddiskuti miegħu l-Outdoor gym.

**22.18 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

22.18.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala '**Dok 2'** għall-ammont totali ta' **€74,917.49.**

F'dan il-punt il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa fuq liema bażi tħallsu l-mużiċisti li ħadu sehem fis-serata tal-Milied, li ġiet imtella' mis-Sotto Kumitat tal-Kultura. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba li l-Kunsill ingħata s-somma ta' €3,000 bħala grant mid-Dipartiment, il-Kunsill setgħa jħallas għall-mużiċisti, somma nominali.

Aktar informazzjoni tingħata lill-Kunsill meta jkun preżenti l-Kunsillier Joseph D'Amato li hu inkarigat mill-attivita' li saret.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kont tal-Weebee li jirrigwarda il-web site l-ġdida, liema kont daħal bħala spam fl-emails u ma kienetx ratu qabel. Kien hemm qbil li jitħallas.

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mil-Kunsilliera Rita Bellizzi u Dino Bonnici.

**22.19 Data tas-seduta li jmiss.**

22.19.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 19a' Frar, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Frar, 2014

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |